**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 31 ta' Mejju, 2021**

**Talba Nru: 110/2020PM1**

**Pullicin Developers Ltd (C40807)**

**Vs**

**Kosecp (Distribution & Business Services) Ltd. (C31477)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-erba' (4) ta' Gunju, elfejn u ghoxrin (2020) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' elfejn u sebgha mija u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€2780.20) u dan wara li tali somma giet opposta mis-socjeta` konvenuta fl-atti tal-ittra ufficjali numru 724/19 maghmula taht l-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta giet ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher hadd ghaliha ghas-seduti tas-17 ta' Mejju, 2021, tat-28 ta' Mejju, 2021 u lanqas ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2021 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Is-somma mitluba tirrizulta wkoll li tikkostitwixxi dik il-parti tad-debitu indikat fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu, 2019 li gie inizjalment kontestat f'dawk l-atti mis-socjeta` konvenuta. Ghaldaqstant a tenur tal-art. 1141(2) tal-**Kodici Civili** u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet huma socjetajiet kummercjali u d-debitu jirrigwardja prezz ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta skont l-istess ittra ufficjali datata 7 ta' Marzu, 2019, huwa car li d-debitu ghandu jigi meqjus bhala wiehed kummercjali u kwindi, fin-nuqqas ta' prova dwar meta tali ammont gie effettivament dovut, l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-imsemmija ittra ufficjali u cioe` mill-20 ta' Mejju, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elfejn u sebgha mija u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€2780.20) u dana bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru flimkien mal-imghax mill-20 ta' Mejju, 2019 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**